# STEDINA

*Fil-Magħmudija ta' Ġużeppi-Marija Darmanin*

Dak in-nhar li kelli mmur fid-dar ta' ħabib tiegħi, mistieden għal ferħ ta' magħmudija li kellu jsir hemmhekk, jien hejjejt ruħi siegħa qabel għax, minn qaddisi, ma nħobbx inħalli 'l min jistennieni. Qbadt il-karozza għal Bormla, qgħadt wara nett, tfajt minkbejja fuq irkobbti, wiċċi fuq keffet idejja, u l-ħsieb, bħal kobba mħabbla, beda jagħmel tiegħu.

Kont għadni daqsxejn 'il bogħod mid-dar fejn kont mistieden. Fit-trieq deherli qed nilmaħ sarbut twil ta' nies weqfin. Ersaqt fuq l-eqreb wieħed lejja u staqsejtu x'kienu qegħdin jagħmlu hemm. "Qegħdin nistennew l-imgħammed". U, billi bqajt inħares miblugħ lejh, żied: "Jien dak li ħsibt għall-ħelu u x-xorb tal-magħmudija." Meddejt riġli 'l quddiem, meta waħda li kienet quddiem tal-ħelu, qaltli: "U jien inbigħ il-ħwejjeġ tat-trabi." Ta' qabilha qalli: "Jiena bejjiegħ il-ġugarelli". Imbagħad, wieħed wara l-ieħor deherli rajt lil tal-ħalib, tal-ħaxix, tal-bajd, u tal-frott. U hemm il-ħassiela, tal-mogħdija, il-ħajjat, l-iskarpan, tal-ħwejjeġ ta' l-ilbies u xidd ir-riġlejn, il-parrukkier u tal-merċa. Kien hemm ukoll l-ispiżjar u t-tabib; l-imgħallmin ta' l-iskola u dawk tad-dutrina, is-Surġent tal-Pulizija ħalli jniżżel isem l-imwieled ġdid fil-lista ta' l-imweldin u tas-Saħħa ħalli jara jekk hux imlaqqam.

Iżjed 'l hemm imbagħad.... ftaħt għajnejja. Kont wasalt Bormla inżilt mill-karozza. Ma kontx irqadt, ma kontx ħlomt. Kont ġibt quddiem għajnejja kemm nies u ħwejjeġ u xogħol jinħtieġu lill-bniedem għal din id-daqsxejn ta' ħajja li jrid igħaddi hawnhekk.

Wasalt f'dar l-imwieled. Wara li għamilt dmiri ma' niesu, qgħadt nistenna li jġibuh mill-Knisja. Ma domtx.

Ġgajta nies, kbar u żgħar, irġiel u nisa fuq wiċċhom jiddi dawl l-imħabba u l-hena. Quddiem, il-majjistra. Fuq dirgħajha kellha ġmiel ta' tarbija—li kienet għadha kemm żiedet il-għadd ta' l-ixirka ta' Nazaret—bl-isem ta' Ġużeppi-Marija.

Tlajna.

L-Omm, Alla jbirikha, sfajra imma ferħana, b'qalbha mlebilba, għat-tarbija, newwlet dirgħajha ħalli tilqa' fihom lil

binha ħlejju. U f'dak il-ħin wiċċha xegħel, fommha tbexxaq kemm kemm u tbissem; insiet it-tbatijiet kollha li għaddiet minn għalihom, insiet kollox, ħsiebha biss fil-ħajja ġdida li kienet qiegħda tħaddan magħha. Ma kenitx tibdlu ma' l-aqwa Saltna tad-dinja. Missieru xejn anqas ma kien hieni u għal qalbu daqs kieku rebaħ l-aqwa ħaġa fid-dinja. Kulħadd daħkan u ferħan. Iżda jiena, f'rokna ilmaħt mara oħra li, għalkemm siekta, nista' ngħid li kienet hienja u ferħana daqs l-Omm. Kienet Omm l-Omm. F'għajnejha kont taqralha qalbha. Wiċċha kien jixhed x'kien għaddej minn moħħha. Hija wkoll f'dak il-ħin insiet it-tiġrib kollu li omm tista' ġġarrab għal bintha li tkun qiegħda tistenna l-wild. Dik il-bniedma donnha ma kenitx tixba' titgħaxxaq b'dik id-dehra tara l-frott wil-frott tal-frott tagħha qawwijin u sħaħ.

L-omm meddet it-tarbija fuq is-sodda ħdejha. U t-tarbija baqgħet ma tniffsitx. Qaluli li xejn ma kien iħabbathom iċ-ċkejken Ġużeppi. Għalaqt għajnejja mitluf f'kotra ta' ħsebijiet u, ta' sikwit, quddiem moħħi, ma nafx il-għala, bdejt nara Saċerdot Għoli b'salib tad-deheb imdendel ma' għonqu jbierek lin-nies hu u għaddej....

Hawn twerżiqa ġagħlitni nħares lejn it-tarbija. Il-majjistra kienet qiegħda tbiddillu ħwejġu. Iżda donnu Ġużeppi ma riedx li jneħħulu dawk il-ħwejjeġ li bihom il-Knisja laqgħetu fi ħdanha.

"Spiċċatlek il-festa" qaltlu l-majjistra.

Iva—għalkemm ma daq xejn minn dak kollu li kien hemm, il-festa saret b'riħitu u ħadd minna, meta nikbru, ma ngergru jekk, tkun saritilna xi festa fil-magħmudija, għalkemm lanqas biss niftakru fiha imma jisgħob bina jekk għal xi *imma* jew oħra nsiru nafu li dil-festa ma saritilniex. Imma l-akbar festa ta' Ġużeppi-Marija kienet saritlu meta ħaduh fil-maqdes u hemm il-Knisja laqgħetu u għożżitu bħala binha, u ebda Nisrani żgur qatt ma jindem li, mingħajr ma jkun jaf, ikunu għammduh.

FREDU FARRUĠ

Malta, 26-4-38.